

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — It-Tkabbir Blu: opportunitajiet għal tkabbir sostenibbli fis-settur tal-baħar u dak marittimu”

COM(2012) 494 final

(2013/C 161/17)

Relatur: **is-Sur POLYZOGOPOULOS**

Nhar it-13 ta' Settembru 2012, il-Kummissjoni Ewropea ddeċidiet, b'konformità mal-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – It-Tkabbir Blu: opportunitajiet għal tkabbir sostenibbli fis-settur tal-baħar u dak marittimu

COM(2012) 494 final.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal-Infommazzjoni, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-Opinjoni tagħha nhar is-27 ta' Frar 2013.

Matul l-488 sessjoni plenarja tiegħu li saret fl-20 u l-21 ta' Marzu 2013 (seduta tal-20 ta' Marzu), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'100 vot favur, 2 voti kontra u 2 astensjonijiet.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-KESE huwa tal-fehma li l-Komunikazzjoni inkwistjoni hija t-tkomplija loġika u meħtieġa tal-ħidma li saret biex tiġi implimentata Politika Marittima Integrata (PMI) fl-Unjoni Ewropea.

1.2 B'mod ġenerali, il-KESE huwa tal-fehma li l-Komunikazzjoni hija kontribut siewi għall-Politika Marittima Integrata tal-UE, fil-kuntest tal-Istrateġija Ewropa 2020, bil-għan li jkun hemm irkupru ekonomiku fl-Ewropa permezz tal-użu tal-potenzjal tal-ekonomija marittima biex jinħolqu l-impjiegi, u jittejjeg l-kompetittività u l-koeżjoni soċjali.

1.3 Minn din il-perspettiva, il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-Komunikazzjoni, b'mod partikolari fis-sitwazzjoni kritika attwali tal-kriżi ekonomika dinjija, li ħolqot ambjent ekonomiku diffiċli fl-Ewropa u kellha wkoll konsegwenzi koroh għas-setturi tal-attivajiet marbutin mal-ekonomija marittima.

1.4 Il-KESE huwa tal-fehma li l-impetu l-ġdid li l-Komunikazzjoni għandha l-għan li tagħti lill-Politika Marittima Integrata jitlob li jintużaw u jiġu żviluppati b'mod koerenti l-inizjattivi u l-azzjonijiet pożittivi eżistenti b'rabta mal-qafas ġdid propost, sabiex l-UE ma titlifx din l-opportunità biex tiżviluppa PMI ta' kwalità tajba, li tissodisfa standards għoljin.

1.5 Meta nqisu li t-tkomplija u l-koerenza huma indispensabbli biex l-implimentazzjoni tat-tkabbir blu tkun suċċess, il-KESE josserva li jeħtieġ li jiġi stabbilit biċ-ċar li l-ħames oqsma prijoritarji miġbura fl-istudju bl-isem “Blue Growth. Scenarios and drivers for Sustainable Growth from the Oceans, Seas and Coasts” (Tkabbir Blu: Xenarji u xpruni għal tkabbir sostenibbli mill-oċeani, l-ibħra u x-xtut) (2012, ara: <https://webgate.ec.europa.eu/maritimeforum/content/2946>) jikkomplementaw u mhux jieħdu post l-oqsma tradizzjonali ta' azzjoni eżistenti.

1.6 Il-KESE jenfasizza li jekk inqisu l-ekonomija blu bħala sors bla qiegħ ta' rikkezzi mhux sfruttati u meta nsemmu t-tkabbir blu b'tant insistenza, bħallikieku huwa rimedju li kapaċi jsewwi l-problemi kollha tal-ekonomija Ewropea, hemm il-periklu li naggravaw il-bosta pressjonijiet li qed iġarrbu diġà x-xtut u l-ibħra; huwa jirakkomanda viġilanza kontinwa biex jintlaħaq bilanċ bejn l-għanijiet ekonomiċi, minn naħa, u l-prinċipji tal-iżvilupp sostenibbli, min-naħa l-oħra.

1.7 Il-KESE indirizza fid-dettall l-importanza tal-fattur uman fl-ekonomija marittima billi rakkomanda li tingħata l-attenzjoni meħtieġa lill-aspett soċjali fit-tiftix ta' bilanċ bejn id-dimensjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali ta' Politika Marittima Integrata sostenibbli.

1.8 Il-KESE huwa tal-fehma li t-tkabbir blu għandu jikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-integrazzjoni soċjali mingħajr esklużjoni, billi jipprovi opportunitajiet ta' impjiegi, taħriġ u parteċipazzjoni sħiħa, b'mod partikolari fi ħdan il-komunitajiet lokali u kostali, bl-ispeċifiċitajiet u l-ħtiġijiet partikolari tagħhom, l-iżjed fil-każ tal-komunitajiet imbiegħda u b'popolazzjoni żgħira.

1.9 Filwaqt li jiġbed l-attenzjoni għall-osservazzjonijiet f'waqthom li għamel dwar ir-riċerka marittima u dik relatata mal-baħar⁽¹⁾, il-KESE jenfasizza l-importanza kruċjali li għandhom ir-riċerka u l-innovazzjoni biex jiżguraw li l-Ewropa tokkupa pożizzjoni kompetittiva b'saħħitha fis-setturi l-ġodda emerġenti, bl-enfasi fuq riċerka bażika u avvanzata orjentata lejn applikazzjonijiet avvanzati u l-aqwa metodoloġija possibbli għall-promozzjoni tal-kooperazzjoni bejn is-settur industrijali u d-dinja akkademika.

1.10 Il-KESE jagħti attenzjoni partikolari lill-kwistjoni tal-edukazzjoni u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżviluppa qafas

⁽¹⁾ ĠU C 306, 16.12.2009, p. 46-50.

edukattiv adatt u innovattiv bil-għan li l-istudenti bi kwalifiki għoljin jitħajru jagħżlu karriera professjonali marbuta mal-attivitajiet tal-baħar.

1.11 Meta wieħed iqis li l-konsolidazzjoni tat-tkabbir blu hija biċċa xogħol partikolarment ambizzjuża u kumplessa, b'ambitu wiesgħa ħafna, il-KESE josserva li hemm bżonn ta' iżjed preċiżjoni fl-implimentazzjoni tat-tkabbir blu u f'din l-Opinjoni jidentifika ċerti kwistjonijiet prinċipali u kwistjonijiet speċifiċi oħra li jeħtieġ li jiġu indirizzati biex nevitaw li jkun hemm distakk bejn l-istennijiet u l-possibbiltajiet konkreti.

2. Introduzzjoni

2.1 Il-Komunikazzjoni li qed tiġi diskussa tenfasizza l-kunċett tat-"tkabbir blu", li huwa bbażat fuq il-konvinzjoni li x-xtut, l-ibħra u l-oċeani jistgħu jgħinu lill-Ewropa tindirizza t-tensjonijiet u l-problemi li qed tiffaċċja, u jgħinu wkoll fl-irkupru tal-ekonomija.

2.2 Skont il-Kummissjoni Ewropea, it-tkabbir blu għandu l-għan li jkun tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv iffokat fuq l-innovazzjoni u jwitti t-triq għal proċess għat-tisħiħ tal-ekonomija blu, li qiegħda fiċ-ċentru tal-preokkupazzjonijiet tal-Istati Membri, ir-reġjuni, l-intrapriżi u s-soċjetà ċivili.

2.3 Il-Komunikazzjoni tiddekrivi kif l-Istati Membri tal-UE diġà qegħdin jappoġġjaw l-ekonomija blu. Skont l-istudju assoċjat magħha, li ssemma iżjed 'il fuq fid-dokument (ara punt 1.5), nistgħu niddistingwu, fost il-firxa sħiħa tal-attivitajiet, ħames oqsma prijoritarji li jippreżentaw iżjed possibbiltajiet għat-tkabbir u li, fi hdnhom, azzjonijiet immirati jippermettu progress ikbar: i) it-turiżmu marittimu, it-turiżmu kostali u t-turiżmu tal-kruċieri; ii) l-enerġija blu; iii) ir-riżorsi minerali tal-baħar; iv) l-akkwakultura u v) il-bijoteknoloġija blu.

2.4 Is-setturi jew il-katini ta' valur tal-ekonomija blu jistgħu jitqassmu f'setturi tradizzjonali, li laħqu l-quċċata tal-maturità tagħhom, bħat-trasport marittimu, it-turiżmu marittimu u t-turiżmu kostali; setturi f'fażi ta' żvilupp, bħall-akkwakultura u s-sorveljanza marittima, u setturi emerġenti, bħall-enerġija oċeanika rinnovabbli u l-bijoteknoloġija blu.

2.5 Ir-"riattivazzjoni" tal-Politika Marittima Integrata tnediet fil-bidu ta' Ottubru li għadda, meta ġiet adottata d-Dikjarazzjoni ta' Limassol⁽²⁾, avveniment li jwassal l-idea li din l-azzjoni hija appoġġjata u msaħħa mil-lat politiku, billi ġew stabbiliti orjentazzjonijiet politiċi għat-tkabbir blu għall-ġejjieni u programm għat-tkabbir u l-impjieġ.

2.6 It-tkabbir blu, bħala strateġija fit-tul, għandu l-għan li jixħet dawl fuq is-sinerġiji u l-interazzjonijiet li jeżistu bejn il-politiki settorjali u l-attivitajiet differenti iżda wkoll li janalizza l-konsegwenzi potenzjali tagħhom fuq l-ambjent marittimu u l-bijodiversità.

2.7 Għandu l-għan ukoll li jelenka u jappoġġja l-azzjonijiet b'potenzjal sostanzjali għat-tkabbir fuq perjodu twil ta' żmien billi jħeġġeġ l-investment fir-riċerka u l-innovazzjoni u billi jtejjeb il-kompetenzi permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ.

⁽²⁾ Dikjarazzjoni tal-ministri Ewropej responsabbli għall-PMI u tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-progress miksub fil-qasam tal-PMI u dwar il-programm għat-tkabbir u l-impjieġ fil-qasam tat-tkabbir blu, li ġiet adottata f'Nikosija, Ċipru, fis-7 ta' Ottubru 2012.

2.8 Wara konsultazzjoni fuq skala wiesgħa, il-Kummissjoni ser tnedi sensiela ta' inizjattivi bil-għan li jiġi eżaminat il-potenzjal tas-settur għat-tkabbir, permezz tat-tħejija ta' komunikazzjonijiet iddedikati għas-suġġetti tat-turiżmu kostali u tal-baħar, l-enerġija blu, il-bijoteknoloġija blu u l-esplojtazzjoni tal-minjieri fil-baħar, kif ukoll orjentazzjonijiet strateġiċi fil-qasam tal-akkwakultura.

3. Kummenti ġenerali

3.1 F'Opinjoniġiet preċedenti⁽³⁾, il-KESE argumenta favur u għamel għadd ta' osservazzjonijiet importanti dwar il-mod li bih il-Kummissjoni timplimenta l-PMI minn mindu tnediet fl-2007⁽⁴⁾, bil-għan li jkun hemm żvilupp sostenibbli tal-ekonomija marittima u titijb fil-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar.

3.2 Il-KESE huwa tal-fehma li l-istabbiliment tat-tkabbir blu, kif inhu propost, jirrappreżenta intrapriża kumplessa, b'ambitu kbir ħafna, u li l-qafas ta' referenza tiegħu jinkludi: a) is-sitt baċiri marittimi (il-Baħar Baltiku, il-Baħar l-Iswed, il-Baħar tat-Tramuntana, il-Grigal tal-Oċean Atlantiku u l-Oċean Artiku, u r-reġjuni ultraperiferiċi Ewropej), li kull wieħed minnhom għandu l-karatteristiċi u l-ħtiġijiet speċifiċi tiegħu mil-lat ekonomiku, soċjali, ambjentali, ġeografiku, klimatiku u istituzzjonali; b) firxa sħiħa ta' setturi u attivitajiet li laħqu livelli ta' żvilupp differenti, ta' importanza u karatteristiċi differenti; u c) strateġiji għat-tkabbir ekonomiku u ta' żvilupp li jibnu fuq il-punti tajbin ta' kull reġjun marittimu u kull settur u jnaqqsu l-punti dgħajfin.

3.3 Kif nafu lkoll, il-KESE sqarr li hu favur il-kollaborazzjoni transsettorjali u transkonfinali tal-atturi kollha, sabiex tissaħħaħ il-kompetittività tal-Ewropa u jiġu żgurati l-aqwa kundizzjonijiet fil-qasam tal-ekonomija marittima.

3.4 Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon l-approċċ ġeografiku u funzjonali tat-tkabbir blu bl-istrateġiji tiegħu bbażati fuq il-baċiri marittimi li jikkunsidraw il-karatteristiċi partikolari li joffru l-baċiri tal-Ewropa f'dak li jirrigwarda l-attivitajiet ekonomiċi differenti relatati mal-baħar, iżda wkoll il-kwistjonijiet ta' sħubijiet, sinerġija u tensjonijiet kemm fi hdn il-fruntieri tal-UE u lil hinn minnhom.

3.5 Il-KESE jirrakkomanda t-tisħiħ tal-clusters ta' attività marbuta mal-baħar u l-promozzjoni tas-sħubijiet li jħeġġu l-innovazzjoni u jiżviluppaw kunċetti ġodda ta' attività ekonomika. Raggruppamenti reġjonali li jlaqqgħu flimkien is-settur pubbliku, is-settur privat u l-NGOs, kif ukoll konvenzjonijiet marittimi reġjonali u studji mmirati dwar il-baċiri marittimi jagħmluha possibbli, bis-saħħa tal-kooperazzjoni transkonfinali u l-programmi Ewropej, li tinstab soluzzjoni għall-frammentazzjoni tal-ekonomija marittima.

⁽³⁾ Ara ĠU C 299, 4.10.2012, p. 133-140; ĠU C 255, 22.9.2010, p. 103-109; ĠU C 267, 1.10.2010, p. 39-45; ĠU C 306, 16.12.2009, p. 46-50; ĠU C 211, 19.8.2008, p. 31-36; ĠU C 172, 5.7.2008, p. 34-40; ĠU C 168, 20.7.2007, p. 50-56; ĠU C 146, 30.6.2007, p. 19-26; ĠU C 206, 29.8.2006, p. 5-9 (mhux disponibbli bil-Malti); ĠU C 185, 8.8.2006, p. 20-24 (mhux disponibbli bil-Malti); ĠU C 157, 28.6.2005, p. 141-146 (mhux disponibbli bil-Malti).

⁽⁴⁾ COM(2007) 575 final.

3.6 Fir-rigward tal-komunitajiet lokali tar-reġjuni kostali, tal-gżejjer u tar-reġjuni ultraperiferiċi, il-KESE jirrakkomanda li jiġi evitat li jintużaw approċċi sterjotipiċi u li minflok jiġieghu strateġiji lokali adatti għal ħtiġijiet speċifiċi u l-kooperazzjoni mal-awtoritajiet lokali u reġjonali, il-komunitajiet tal-post u l-atturi tas-soċjeta' ċivili bil-għan li jiġi ppreżervat il-wirt kulturali u l-forom tradizzjonali ta' produzzjoni u ta' impjeg u jiġu protetti r-riżorsi naturali.

3.7 Il-KESE huwa tal-fehma li jeħtieġ li jintwera b'mod iżjed ċar li l-promozzjoni tat-tkabbir blu fil-qafas tal-PMI mhijiex kawża esklużivament Ewropea u li l-ekosistemi tal-baħar u l-ekonomija marittima jmorru lil hinn mill-fruntieri nazzjonali. Il-kooperazzjoni internazzjonali u azzjoni kkoordinata huma l-uniċi mezzi biex ċerti sfidi ewlenin jiġu indirizzati b'mod effettiv. Dan japplika kemm għal dawk ta' ambitu universali, pereżempju l-użu sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar, it-tibdil fil-klima, it-telf tal-bijodiversità u l-lealtà tal-kompetizzjoni fis-setturi tat-trasport marittimu u tal-bini tal-bastimenti, u l-promozzjoni ta' kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti f'dawn is-setturi, kif ukoll għal kwistjonijiet li huma iżjed ta' kuntest reġjonali, bħall-protezzjoni tal-ambjent fil-Mediterran u fil-Baħar Baltiku.

3.8 Il-KESE jitlob ukoll lill-Kummissjoni tpoġġi s-seba' reġjuni ultraperiferiċi tal-UE (il-Komunità Awtonoma Spanjola tal-Gżejjer Kanarji, ir-Reġjuni Awtonomi Portugiżi ta' Madejra u l-Azores u l-erba' dipartimenti Franċiżi: id-Dipartiment tal-Gwadelup, id-Dipartiment tal-Gujana Franċiża, id-Dipartiment ta' Martinique u d-Dipartiment ta' Réunion) fil-qalba tad-dimensjoni internazzjonali tal-Politika Marittima Integrata, fid-dawl tal-fatt li jikkostitwixxu reġjuni mill-iżjed imbiegħda tal-UE fiżżoni rispettivi tagħhom⁽⁵⁾, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-assi prijoritarji għal sħubija msaħħa⁽⁶⁾, u jitlobha wkoll tipproduċi strateġiji reġjonali għat-tkabbir blu maħsuba għal dawn ir-reġjuni, fid-dawl tal-fatt li dawn ir-reġjuni jipprovdu lill-UE bl-iżjed żona ekonomika vasta u esklużiva fid-dinja.

3.9 Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon ir-referenza fil-Komunikazzjoni għas-suġġetti tal-impjeg, it-taħriġ u l-ħiliet, filwaqt li huwa tal-fehma li d-dimensjoni soċjali qawwija tagħhom għandha tiġi inkluda fil-politiki li jniedi l-programm il-ġdid għat-tkabbir u l-impjeg fis-settur tal-baħar u dak marittimu tat-8 ta' Ottubru 2012, b'referenza għall-Istrateġija Ewropa 2020, u li jeħtieġ li jiġu previsti miżuri speċifiċi għat-titjib tal-kundizzjonijiet tal-ħajja, tax-xogħol u tat-taħriġ, bil-kontribut tal-imsieħba soċjali.

3.10 Fid-dawl tal-istqarrija fil-Komunikazzjoni li n-nuqqas ta' kwalifiki jikkostitwixxi ostaklu kbir ħafna għat-tkabbir blu, il-KESE huwa tal-fehma li, indipendentement mill-kwistjoni tal-livell baxx edukattiv tal-baħħara⁽⁷⁾, jeħtieġ li jiġu żviluppata l-għarfien u l-esperjenza professjonali b'mod li jissodisfaw l-esiġenzi tas-setturi emerġenti li jitolbu ħiliet ġodda ta' livell għoli; għalhekk, jirrakkomanda li l-politiki u l-azzjonijiet isiru speċjalizzati u jitwessgħu, fid-dawl tal-fatt li t-tagħlim fil-qasam tal-baħar jiffoka l-iżjed fuq l-attivitajiet eżistenti, li diġà ġew żviluppata bis-sħiħ (is-sajd, it-tbaħħir).

⁽⁵⁾ (COM)2004 343 (mhux disponibbli bil-Malti).

⁽⁶⁾ ĠU C 294, 25.11.2005, p. 21-25 (mhux disponibbli bil-Malti).

⁽⁷⁾ ĠU C 43, 15.2.2012, p. 69-72.

4. Dimensjoni ekonomika

4.1 Il-Komunikazzjoni tiddeskrivi d-dimensjoni ekonomika u d-data dwar l-impjeg fis-setturi marittimi u dawk tat-tbaħħir li, fl-Ewropa, diġà jipprovdu impjeg għal 5,4 miljun ruħ u jiġġeneraw valur miżjud gross totali ta' madwar EUR 500 biljun fis-sena, liema ammont ma jinkludix l-attivitajiet militari. Globalment, 75 % tal-kummerċ estern tal-UE u 37 % tal-kummerċ intern (ftunnellati għal kull kilometru) isiru bil-baħar. Din l-attività hija kkonċentrata l-iżjed madwar ix-xtut tal-Ewropa. Barra minn hekk, ċerti pajjiżi li mhumiex imdawrin bil-baħar qed jiżviluppaw attività ekonomika sostanzjali relatata mal-baħar, pereżempju permezz tal-produzzjoni ta' tagħmir nawtiku.

4.2 Il-katini ta' valur tal-ekonomija blu f'dak li jirrigwarda l-valur miżjud gross u l-impjeg jipprovdu prospettivi importanti peress li, sal-2020, is-setturi kkonċernati jistgħu jirrappreżentaw 7 miljun impjeg u valur miżjud gross totali ta' EUR 600 biljun fis-sena.

4.3 Il-Komunikazzjoni teżamina wkoll id-dinamika u l-orjentazzjonijiet futuri potenzjali għal kull wieħed mill-ħames oqsma prijoritarji billi tenfasizza l-innovazzjoni u l-impjegji l-ġodda, abbażi tal-istudju dwar it-tkabbir blu msemmi iżjed 'il fuq fid-dokument (ara punt 1.5), u b'mod partikolari l-elementi li ġejjin:

4.3.1 It-turiżmu marittimu u kostali – l-iżjed settur importanti għall-valur miżjud gross u l-impjeg – jimpjega 2,35 miljun ruħ, jiġifieri 1,1 % tal-impjeg totali fl-UE, u 'l fuq minn 90 % tal-intrapriżi kkonċernati jimpjegaw inqas minn 10 persuni. Is-settur huwa mistenni li jikber bejn 2 u 3 % sal-2020, filwaqt li t-turiżmu tal-kruċieri waħdu jista' joħloq 100 000 impjeg ieħor bejn l-2010 u l-2020. It-tbaħħir bil-jott huwa mistenni jikber bejn 2 % u 3 % fis-sena, skont il-European Cruise Council⁽⁸⁾.

4.3.2 Fl-2011, il-ġenerazzjoni tal-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta kienet tirrappreżenta 10 % tal-kapaċità installata, kienet timpjega direttament u indirettament 35 000 persuna fl-Ewropa u kienet tirrappreżenta EUR 2,4 biljun f'investimenti annwali u kapaċità totali ta' madwar 3,8GW. Abbażi tal-Pjani Nazzjonali ta' Azzjoni dwar l-Enerġija Rinnovabbli tal-Istati Membri, l-elettriku prodott mill-enerġija tar-riħ fl-2020 mistenni li jkun ta' 494,6 TWh, li minnu ser jiġu ġġenerati 133,3 TWh lil hinn mill-kosta. Dan ifisser possibbilment 170 000 impjeg sal-2020 u 300 000 impjeg sal-2030. Insibu prospetti promettenti wkoll foqasma ta' attività li għadhom fil-bidu tagħhom, bħall-produzzjoni tal-enerġija mill-marea, kif ukoll mill-mewġ, oqsma li fihom ċerti Stati Membri diġà għamli investimenti sostanzjali.

4.3.3 Id-dħul globali annwali mill-estrazzjoni tal-minerali tal-baħar mistenni jikber minn kważi xejn għal EUR 5 biljun fl-10 snin li jmiss u jilħaq l-EUR 10 biljun sal-2030, abbażi ta' estimi mogħtija mill-partijiet interessati industrijali fl-istudju dwar it-tkabbir blu. Sal-2020 u l-2030, 5 % u 10 %, rispettivament, tal-minerali fid-dinja, inklużi l-kobalt, ir-ram u ż-żingu jistgħu jiġu minn qiegħ l-oċeani, u dan il-persentaġġ jista' jitla' sa 10 % sal-2030. Bejn l-2000 u l-2010, abbażi tad-data tad-WTO (PRESS/628 tas-7 ta' April 2011), kien hemm żieda annwali ta' madwar 15 % fil-prezz ta' ħafna mill-materja prima mhux

⁽⁸⁾ COM(2012) 494 final.

enerġetika, l-aktar minħabba d-domanda tal-ekonomiji emerġenti. Madankollu, l-esplorazzjoni u l-estrazzjoni ta' minerali mill-baħar, minbarra r-ramel u ż-żrar, għadhom kemm bdew u qed isiru biss fl-ilma baxx.

4.3.4 Fl-2010, il-produzzjoni totali tal-akkwakultura fl-UE kienet fit inqas minn 1,3 miljun tunnellata, li tirrappreżenta valur ta' madwar EUR 3,2 biljun u tipprovdi 80 000 impjieg. Aktar minn 90 % tan-negozji tal-akkwakultura fl-UE huma SMEs. Fil-livell dinji, skont ir-rapport tal-FAO tal-2010 bl-isem "The State of World Fisheries and Aquaculture", (Il-qagħda tas-sajd u l-akkwakultura dinjin), l-akkwakultura għandha rata ta' tkabbir ta' 6,6 % fis-sena, u l-produzzjoni tagħha żdiedet minn 40 miljun tunnellata fl-2002 għal 53 miljun tunnellata fl-2009; dan jagħmilha l-aktar settur tal-produzzjoni tal-ikel mill-annimali li qed jikber b'rata mgħaġġla. Madankollu, filwaqt li d-domanda dinjija qed tiżdied, il-produzzjoni Ewropea għadha wieqfa u d-domanda għall-ħut fl-UE hija ssodisfata permezz tal-importazzjonijiet, li jipprovdu bejn 60 % u 65 % tal-provvista totali. Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkunsidra mill-ġdid il-politika tagħha dwar il-finanzjament tal-akkwakultura, bil-għan li tappoġġja l-iżvilupp f'dan is-settur li, għall-perjodu 2014-2020, issostitwixxa s-sussidji bl-appoġġ dirett.

4.3.5 Is-settur emerġenti tal-bijoteknoloġija blu attwalment jimpjega persentaġġ żgħir ħafna ta' persuni fl-Ewropa u għandu valur miżjud gross li huwa stmat għal EUR 0,8 biljun. Fuq perjodu ta' żmien qasir, is-settur jista' jiżviluppa f'suq speċjalizzat (niche market) iffukat fuq prodotti ta' valur miżjud għoli għas-setturi tas-saħħa, il-kosmetiċi u l-bijomaterjali industrijali. Sal-2020, jista' jikber f'suq ta' daqs medju, li jespandi lejn il-produzzjoni ta' metaboliti u komposti primarji (lipidi, tipi ta' zokkor, polimeri, proteini) bħala inputs għall-industriji tal-ikel, tal-għalf u tal-kimiċi. Fuq perjodu twil ta' żmien, u soġġett għal rivoluzzjonijiet teknoloġiċi, is-settur tal-bijoteknoloġija blu jista' jsir fornitur massiv ta' prodotti speċjalizzati ta' valur miżjud għoli.

4.4 Il-KESE josserva li l-prospetti ekonomiċi tal-ħames setturi ċentrali jiddependu minn firxa ta' kundizzjonijiet u li d-dinamika tagħhom hija soġġetta għal sfidi kumplessi fil-livell teknoloġiku, ambjentali, tar-riċerka, l-investment, il-kompetizzjoni u dak istituzzjonali, li bosta minnhom huma marbutin mad-dimensjoni internazzjonali tal-PMI jew ma' żviluppi internazzjonali, ta' natura ekonomika jew ta' tip ieħor, pereżempju l-kapaċità li jingħataw liċenzji tal-estrazzjoni mill-minjieri fl-ilmi-jiet internazzjonali jew il-fluttwazzjonijiet fil-prezzijiet taż-żejt.

4.5 Ir-ritmu li bih qed jiġi implimentat it-tkabbir blu ser jiddependi b'mod determinanti mill-kuntest fit-tul. Rata ta' tkabbir sostenibbli u stabbli tipprovdi appoġġ aħjar, mentri rkupru ekonomiku fraġli, flimkien ma' indikaturi internazzjonali restrittivi jxekklu l-iżvilupp.

4.6 Madankollu, il-KESE josserva li jidher li l-Komunikazzjoni ma tqisx biżżejjed l-impatt ġenerali u speċifiku tal-kriżi ekonomika attwali, u għalhekk huwa iżjed diffiċli li jiġu indirizzati l-isfidi fuq perjodu qasir u twil taż-żmien fil-livell Ewropew u dinji.

4.7 Fi swieq ġodda u intrinsikament riskjużi, il-kompetittività tal-intrapriżi Ewropej tiddependi mill-aċċess tagħhom għal finanzjament suffiċjenti, f'qafas adatt li jattira l-investment f'kundizzjonijiet trasparenti. L-aċċess għall-kapital ta' riskju

huwa ta' importanza fundamentali għall-SMEs u għandha tingħata attenzjoni lill-mikrointrapriżi, li għandhom il-potenzjal isiru xpruni għat-tkabbir blu.

4.8 Il-KESE jgħbed l-attenzjoni għall-importanza partikolari tal-ekonomija tal-baħar għall-Istati Membri b'żoni ekonomiċi esklużivi u għall-bżonn li jiġu żviluppati clusters ekonomiċi marittimi, billi jissaħħaħ il-kontribut tagħhom għat-tkabbir u l-impjieg.

4.9 Fl-aħħar nett, sabiex jiġi evitat distakk bejn l-istennijiet u r-realtà, il-KESE huwa tal-fehma li s-sitwazzjoni diffiċli attwali u l-previżjonijiet li huma ġeneralment pessimisti għall-ekonomija Ewropea u dinjija għandhom jiġu kkunsidrati b'mod serju billi jiġi adottat approċċ realistiku għat-tkabbir blu, u jisħaq fuq il-ħtieġa li l-istrateġija tkun dettaljata kif imiss.

5. Governanza u kwistjonijiet marbutin mal-qafas regolatorju

5.1 Il-Komunikazzjoni fiha referenzi għall-politiki eżistenti u l-investimenti strateġiċi tal-Istati Membri u tal-UE fil-qasam tal-ekonomija blu. Madankollu, il-KESE huwa tal-fehma li dawn l-inizjattivi u l-azzjonijiet tal-Istati Membri jmorru kontra l-għanijiet ambizzjużi tat-tkabbir blu u għadhom ma jipprovdux il-massa kritika meħtieġa biex jiġi kkonsolidat.

5.2 Il-KESE huwa tal-fehma li, biex ikun hemm il-massa kritika meħtieġa sabiex it-tkabbir blu jixpruna l-impjieg u l-intraprenditorija f'dan iż-żmien ta' kriżi, jinħtieġu strutturi effikaċi ta' governanza.

5.3 Josserva li l-iżvilupp ta' strutturi funzjonali ta' governanza jimplika li jiġu indirizzati l-problemi regolatorji u r-restrizzjonijiet amministrattivi, li ngħibdet l-attenzjoni għalihom ukoll matul il-proċess ta' konsultazzjoni.

5.4 Peress li qed jiġu żviluppati kuljum metodi ġodda għall-esplorazzjoni tal-baħar, huwa importanti li l-Istati Membri jistabbilixxu sistemi stabbli ta' regolamentazzjoni u ppjanar, li jħeġġu l-investment fit-tul, il-koeżjoni transkonfinali u s-sinerġiji ta' sħubijiet ibbażati fuq l-innovazzjoni.

5.5 Huwa partikolarment fis-setturi emerġenti bħall-bijoteknoloġija tal-baħar fejn jeħtieġ li tiġi implimentata mingħajr dewmien politika koerenti fil-livell tal-UE li attwalment ma teżistix, peress li l-isforzi fil-livell Ewropew huma frammentati u bbażati fuq ħtiġijiet nazzjonali milli fuq prijoritajiet u ħtiġijiet komuni għall-Unjoni kollha kemm hi.

5.6 Għaldaqstant, huwa ta' importanza fundamentali fil-fehma tal-KESE li jiġu indirizzati mill-iżjed fis il-lakuni regolamentari u jitneħħew l-ostakli li jirriżultaw minn qafas legali kumpless u instabbli. Dan joħroġ fid-dieher mill-inċertezza regolatorja dwar il-perjodu ta' wara l-2020 (settur tal-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta) u regolamentazzjoni inadegwata tal-UE għal ċerti attivitajiet (l-esplorazzjoni tar-riżorsi ta' qiegħ il-baħar, l-akkwakultura lil hinn mill-kosta u l-produzzjoni tal-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta).

5.7 B'mod iżjed speċifiku, il-KESE josserva wkoll li hemm bżonn ta' tweġiba strutturata għal għadd ta' kwistjonijiet kruċjali bħan-nuqqas ta' ppjanar integrat taż-żona marittima, l-iżjed fil-każ tal-akkwakultura u l-enerġija prodotta minn turbini tar-riħ li jżommu f'wiċċ l-ilma, proċeduri diffiċli ħafna ta' awtorizzazzjoni jew approvazzjoni (l-enerġija mir-riħ, il-bijoteknoloġija blu) jew l-ostakli għall-ħolqien jew il-finanzjament ta' rieżet sperimentali iżda wkoll it-tensjonijiet li jeżistu, pereżempju bejn it-tbaħħir marittimu u l-installazzjonijiet tal-enerġija rinnovabbli fl-oċean (produzzjoni ta' enerġija mill-marea, il-konverżjoni tal-enerġija termika mill-oċeani (OTEC – oċean thermal energy conversion) u l-enerġija mill-mewġ).

6. Dimensjoni ambjentali

6.1 Il-KESE jitlob li d-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina⁽⁹⁾ tkun rikonossuta bħala l-bażi għall-iżvilupp sostenibbli, fid-dawl tal-fatt li tikkostitwixxi l-pilastru ambjentali tal-Politika Marittima Integrata, u tipproponi t-twaqqif ta' politika koerenti bil-għan li jiġu żgurati kontinwament il-protezzjoni u l-konservazzjoni tal-ambjent tal-baħar u tiġi evitata d-deterjorazzjoni tiegħu.

6.2 Il-KESE huwa tal-fehma li huwa tajjeb li jiġi inkluż fid-Dikjarazzjoni ta' Limassol u d-dokumenti futuri ta' politika, minn naħa, l-għan li jinkiseb jew jinżamm status ambjentali tajjeb tal-ibħra tal-UE minn issa sal-2020 u, min-naħa l-oħra, il-prinċipju ta' prekawżjoni bħala elementi li jistrutturaw il-Politika Marittima Integrata u t-tkabbir blu.

6.3 Attivitajiet marittimi sostenibbli li jistgħu jipprovdu impjeg jitolbu approċċ koerenti u fit-tul li jkollu l-għan li jinkiseb bilanċ bejn it-tkabbir ekonomiku u li jiġu indirizzati l-isfidi ambjentali; dan jitlob appoġġ adatt min-naħa tal-politiki lokali, nazzjonali, internazzjonali u Ewropej, abbażi tal-prinċipji tal-iżvilupp sostenibbli.

6.4 Il-KESE josserva li għalkemm ir-riżorsi tal-baħar huma importanti, mhumex ineżawribbli; jiġbed l-attenzjoni dwar il-periklu li, jekk nirrepetu l-iżbalji ħorox ta' esplotazzjoni żejda tar-riżorsi u tat-territorju li kkaratterizzaw l-inizjattivi tal-passat għall-iżvilupp, nikkompromettu s-sostenibbiltà tat-tkabbir blu u nagħmlu pressjoni akbar fuq l-ambjent.

6.5 Filwaqt li l-Komunikazzjoni tirrikonoxxi l-isfidi ambjentali, jidher li tinjora l-fatt li, f'dawn l-aħħar deċennji, l-ibħra u l-oċeani tal-Ewropa ddeterjoraw minħabba t-tniġġis tal-art, tal-baħar u tal-atmosfera, l-aċidifikazzjoni oċeanika, l-esplotazzjoni eċċessiva, il-prattiki distruttivi tas-sajd u t-tibdil fil-klima. Skont riċerka reċenti li saret dwar "il-limiti tat-tkabbir blu" ("Limits to Blue Growth" 2012, http://www.seas-at-risk.org/news_n2.php?page=539), id-deterjorament tal-ekosistemi tal-baħar u tal-kosta u tal-bijodiversità jista' jiġi osservat fil-Baħar Baltiku, il-Baħar l-Iswed, il-Grigal tal-Oċean Atlantiku u l-Oċean Artiku. Studju reċenti tal-Istitut ta' Stokkolma għall-Ambjent (Stockholm Environment Institute – SEI) jikkalkula li l-ispiża tat-tniġġis tal-baħar fit-tul – kwistjoni li ta' spiss tiġi injorata fit-tħejjija tal-politiki – ser tiżdied b'mod inkwetanti jekk ma tittieħed l-ebda miżura għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra (ara <http://www.sei-international.org/publications?pid=2064>).

6.6 L-attivitajiet ekonomiċi marittimi li jippreżentaw riskju kbir għas-sostenibbiltà huma l-installazzjonijiet għat-tiftix taż-żejt u tal-gass lil hinn mill-kosta, l-akkwakultura, it-turiżmu kostali u tal-kruċieri, il-ġbir u l-ħżin tal-karbonju, it-tbaħħir kostali, kif ukoll l-estrazzjoni tal-karburanti fossili lil hinn mill-kosta, li huwa inkompatibbli ma' kwalunkwe kunċett ta' żvilupp sostenibbli.

6.7 L-intensità u l-iskala tal-impatt fuq l-ambjent ta' dawn l-attivitajiet għadhom mhux ċari, b'mod partikolari rigward l-enerġija blu rinnovabbli, ir-riżorsi minerali tal-baħar, l-akkwakultura u l-bijoteknoloġija blu, peress li d-data disponibbli mhijiex biżżejjed biex nifhmu tajjeb l-interdipendenzi li jeżistu fl-oċeani u l-ibħra fondi.

6.8 Il-KESE huwa tal-fehma li l-Ippjanar Spazjali Marittimu (ISM) flimkien mal-Ġestjoni Integrata taż-Żona Kostali (ICZM), promossi mill-Kummissjoni bħala l-istrument prinċipali tal-ġestjoni tat-territorju u tar-riżorsi tal-ibħra u l-oċeani, għandhom jiġu kkombinati ma' strumenti ta' intervent oħra, bħall-valutazzjoni ambjentali strateġika, id-definizzjoni taż-żoni protetti jew l-internalizzazzjoni tal-ispejjeż ambjentali, fi ħdan approċċ ta' ġestjoni bbażat fuq l-ekosistema u l-koeżistenza armonjuża ta' għadd ta' użi intensivi u li jikkompetu kontra xulxin.

6.9 Il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni tkun iżjed viġilanti rigward ir-rispett tal-istandards Ewropej fil-qasam tal-ambjent, u dawk relatati mal-iġjene u l-kwalità, b'mod partikolari rigward l-importazzjonijiet tal-prodotti tal-akkwakultura minn pajjiżi terzi, sabiex jiġu protetti l-konsumaturi fi ħdan l-UE kif ukoll sabiex il-kumpaniji fis-settur jiġu protetti kontra kull kompetizzjoni inġusta eventwali.

7. Kummmenti speċifiċi

7.1 Il-KESE jinnota li minkejja li l-Komunikazzjoni tirreferi għall-importanza tar-riċerka għall-konsolidazzjoni tat-tkabbir blu, l-iżjed fis-setturi emerġenti u dawk fil-fażi ta' żvilupp, b'mod globali hija vaga u l-ambitu ġenerali tagħha huwa limitat għal referenzi għall-programm futur Orizzont 2020.

7.2 L-Ewropa għaddejja minn perjodu ta' tnaqqis tal-infiq pubbliku, li jfisser li jridu jinkisbu l-aħjar riżultati bl-inqas mezzi finanzjarji possibbli. Hemm il-periklu li t-tnaqqis sussegwenti fil-fondi pubbliċi għar-riċerka, flimkien man-nuqqas ta' kapital disponibbli, idgħajfu r-rwol fundamentali li jaqdu l-SMEs fl-ekonomija tal-baħar għall-iżvilupp ta' prodotti u teknoloġiji ġodda.

7.3 Il-KESE jenfasizza li minkejja li l-Ewropa għandha bażi soda tal-għarfien u li qiegħda quddiem nett fir-riċerka f'dak li jirrigwarda forom tradizzjonali jew ġodda ta' enerġija, qiegħda lura mil-lat tal-innovazzjoni Prattika jew il-kummerċjalizzazzjoni fis-setturi l-ġodda emerġenti fejn, sal-lum il-ġurnata, l-operaturi Ewropej ma kinux kapaċi jikkompetu kontra l-atturi internazzjonali, kif jagħti x-xhieda n-numru ta' privattivi li għandha meta mqabbla mal-Asja u l-Istati Uniti fil-qasam tad-desalinazzjoni, il-protezzjoni kostali, l-akkwakultura tal-alka u l-bijoteknoloġija blu.

⁽⁹⁾ ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19-40.

7.4 Għalhekk, il-KESE jirrakkomanda li tinstab soluzzjoni mill-iżjed fis għan-nuqqas ta' rċerka mmirata u għall-viżibbiltà dgħajfa tagħha, liema ħaġa hija parzjalment ikkaġunata mill-firxa wiesgħa tal-oqsma tar-riċerka u l-attivitajiet dwar il-bijoteknoloġija tal-baħar u setturi ġodda oħra.

7.5 Il-miżuri li ġejjin jistgħu jgħinu biex jonqos id-distakk rigward it-trasferiment tal-għarfien u t-teknoloġija fl-oqsma prijoritarji kollha: il-kollegament tar-riċerka xjentifika mal-industrija u l-edukazzjoni; il-kooperazzjoni bejn l-industrija u d-dinja akkademika; it-titjib fil-ġestjoni tal-proprietà intellettuali; l-investiment fil-programmi ta' dimostrazzjoni b'mod li tiġi stabilita r-rilevanza kummerċjali u l-ħolqien ta' sħubijiet pubbliċi-privati fuq skala wiesgħa bil-għan li tinħoloq il-massa kritika meħtieġa għat-tkabbir blu.

7.6 Il-futur tat-tkabbir blu fis-seklu wieħed u għoxrin ser jiddependi bil-bosta mill-kapaċità tax-xjenzjati li jiżviluppaw programmi interdixiplinari li jintegraw il-ħiliet u l-kunċetti mislufin lil oqsma oħra ta' rċerka, jew li jipparteċipaw f'tali programmi. It-taħriġ tal-ġenerazzjoni futura ta' xjenzjati għandha tiffoka fuq approċċi interdixiplinari u globali, bil-għan li jiġu indirizzati l-isfidi kumplessi fil-qasam tat-teknoloġija u l-kompetizzjoni li nsibu fir-riċerka dwar l-organiżmi u l-ambjent tal-baħar.

7.7 Il-KESE huwa tal-fehma li huwa urġenti li tinstab soluzzjoni għall-frammentazzjoni tad-data dwar l-ambjent tal-baħar, li

hija mifruxa fost mijiet ta' korpi differenti fl-Ewropa u għalhekk tqajjem problemi ta' aċċess, użu u ġbir. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkoopera mal-Istati Membri bil-għan li dan l-għarfien ikun aċċessibbli u biex tiddetermina r-riżorsi finanzjarji u ta' tip ieħor meħtieġa għall-ħolqien ta' ambjent komuni ta' skambju ta' informazzjoni, prattiki tajbin u tixrid tad-data bil-għan li jissaħħu r-riċerka u l-innovazzjoni u tittejjeb il-protezzjoni tal-ambjent.

7.8 Jeħtieġ li l-mappa diġitali l-ġdida ta' qiegħ il-baħar tal-ilmijiet Ewropej tkun interoperattiva u ma għandux ikun hemm restrizzjonijiet dwar l-użu tagħha; għandha tappoġġja r-riċerka permezz ta' data dwar l-impatt tal-attivitajiet tal-bniedem u ta' previżjonijiet oċeanografiċi sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jagħmlu l-aqwa użu mill-potenzjal tal-programmi tagħhom għall-osservazzjoni, il-kampjunar u l-analiżi tal-ambjent tal-baħar.

7.9 Il-protezzjoni tal-fruntieri marittimi tal-Ewropa u s-sorveljanza effikaċi tal-ibħra jirrappreżentaw sfida għall-Istati Membri biex jirnexxilhom jippromovu t-tkabbir blu⁽¹⁰⁾. Permezz ta' kontrolli iżjed riġidi fil-fruntieri esterni ta' Schengen u l-istabbiliment ta' mekkaniżmu għall-iskambju tal-informazzjoni, l-awtoritajiet tal-Istati Membri inkarigati mill-kontroll tal-fruntieri jkunu jistgħu jnaqqsu l-imwiet il-baħar u jiġġieldu kontra fenomeni bħall-immigrazzjoni illegali lejn l-UE u l-piraterija marittima⁽¹¹⁾.

Brussell, 20 ta' Marzu 2013.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Staffan NILSSON

⁽¹⁰⁾ ĠU C 44, 11.2.2011, p. 173-177

⁽¹¹⁾ ĠU C 76, 14.03.2013, p. 15.